PARROĊĊA SANTA MARIJA – BIRKIRKARA

# FESTA SANTA MARIJA 2015



## 10 SNIN PARROĊĊA

8 ta' Mejju 2005 – 8 ta' Mejju 2015




APPLIANCES | KITCHENS | HOME FURNITURE | OFFICE FURNITURE

The comfort of knowing
you're in good hands

**www.oxfordhouse.com.mt**

Notabile Road, Mriehel | T: 2546 4000 | E: info@oxfordhouse.com.mt



PARROĊĊA SANTA MARIJA
BIRKIRKARA

**Editur:**
Fr Lino Azzopardi
Sandro Sciberras

**Ġbir ta' Reklami:**
Fr Lino Azzopardi
Helen Debattista

**Layout & Printing:**
Best Print Co. Ltd.

Pg. 3 Il-Kelma tal-Kappillan
*Minn Dun Lino Azzopardi*

Pg. 5 Il-Festa tal-Assunta
*Minn Dun Ġorġ Schembri*

Pg. 7 Sena ta' Anniversarji
*Minn Dun Ġużepp Brincat*

Pg. 9 Il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena imniedi mill-Papa Franġisku
*Minn Joe Farrugia*

Pg. 11 Talba tal-Papa Franġisku fi tmiem l-Ittra Enċiklika *Laudato Si'*

Pg. 14 Programm tal-festa ta' Santa Marija 2015

Pg. 18 Rendikont Finanzjarju Festa Santa Marija 2014

Pg. 20 Lil Santa Marija
*Minn Alexander Cordina*

Pg. 22 Minn Xiex Għaddejna
*Minn Sandro Sciberras*

Pg. 24 Ftit Ħsibijiet fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju tal-Parroċċa
*Minn Andrea Pace*

Pg. 26 Għallem lil min ma jafx
*Minn George Scicluna*

Il-Kappillan flimkien mas-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna jawguraw il-festa t-tajba lill-familji kollha u japprezzaw il-preżenza tagħkom għaċ-ċelebrazzjonijiet imsemmija f'dan il-programm.

**IL-FESTA T-TAJBA**

# IKLA TAL-FESTA

**Nibdew il-festa b'ikla flimkien**
**Il-Ġimgħa 7 t'Awwissu**
**Tluq fis-7.15p.m.**

***Il-biljetti jinxtraw mis-sagristija jew mingħand il-helpers tas-soltu.***

GLOBE STATIONERY
& OFFICE SUPPLIES

Old Church Street, **B'Kara**
**t:** 2703 2610

Main Street, **Attard**
**t:** 2143 6753

**ALL YOU NEED FOR THE BACK TO SCHOOL SEASON**

Like Us On facebook

**... and stay tuned on the new items in stock**



**Watch repair**

SWAN

**Laundry & Dry Cleaning**

*G. B. Jewellery*

451, 453, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara
Tel: 2149 9679

156A, The Strand, Gżira Tel: 21322889

*Where one could find a variety of Diamond Jewellery,*
*18k Gold Jewellery and Lorenz & Laurens watches.*

*Also available is a wide selection of*
*modern jewellery in Silver & Stainless Steel.*

*A wide choice of Silver*
*Ornaments on display.*



*We also do Engagement*
*and Wedding lists.*



# Il-Kelma tal-Kappillan

## Dun Lino Azzopardi



Fil-Verġni Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u bill-ġisem, nilmħu lil Alla ilibbes lill-bniedem b'dik is-sbuħija li biha kien żejnu fil-ġnien tal-Għeden. Il-festa tal-Assunta għandha messaġġ qawwi li jgħin lill-bniedem jagħraf li hu maħluq xbieha ta' Alla. Meta Ommna Marija telgħet fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem, fil-persuna ta' Marija t-Trinità Qaddisa kienet qed tilqa' lill-bniedem sħiħ u lil kull bniedem. Għax Alla ħalaq il-bniedem "xbieha tiegħu" biex jgħix għal dejjem. Bil-qawwa ta' Kristu Feddej il-bniedem jista' jipparteċipa minn din ir-rebħa assoluta fuq il-mewt u jgħix għal dejjem.

Jekk Alla huwa sabiħ, il-bniedem maħluq xbieha tiegħu suppost jirrifletti dak il-ġmiel ta' Alla u dik l-armonija li hemm f'Alla. Imma l-bniedem fid-dgħufija tiegħu jirribella kontra Alla u jitfa' wara spallejh dak il-ġmiel biex ixidd libsa oħra: natura umana mwaqqgħa fid-dnub. Ta' spiss, il-bniedem jagħżel illi jmur kontra l-proġett u r-rieda ta' Alla.

L-esperjenza rrakkontata fil-Ġenesi mhix esperjeza limitata għal Adam u Eva biss. Tista' tkun l-esperjenza tagħna lkoll. Il-libertà li żejjinna biha Alla nistgħu nużawha ħażin. Nistgħu nirribellaw kontra l-ħsieb u l-proġetti ta' Alla. Jekk nagħmlu din l-għażla, inkunu qegħdin ninżgħu l-ġmiel u niċċappsu bit-tebgħa tad-dnub. Id-dnub huwa kull kruha li hemm fil-ħajja individwali, fil-ħajja tal-familja, fil-ħajja soċjali u fil-ħajja tal-Knisja.

Fl-Għeden il-bniedem mhux biss neża' l-ġmiel li libbsu Alla, imma neżża' wkoll lil ħutu l-bnedmin. Kajjin neħħa l-ħajja ta' ħuh Abel u għamel ġerħa lill-familja tiegħu. Il-ġmiel jidher meta hemm ħajja komunitarja, meta hemm l-għaqda bejn l-aħwa. Meta l-ispirtu komunitarju fil-ħajja soċjali, familjari u fil-ħajja tal-komunità nisranija jkun imkisser, dan ikun ta' dannu serju ħafna, għaliex inkunu qegħdin intebbgħu l-ġmiel tal-poplu ta' Alla – inkunu qegħdin ninżgħu minn dan is-sebħ ta' Alla li jidher b'mod qawwi fl-Assunta.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni tal-festa tagħna biex minn qalbi nirringrazzja lis-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa tagħna. Irrid ngħid grazzi kbira lil dawk kollha li, min f'qasam u min f'ieħor, jgħinuna fil-ħidma pastorali. Għandna wkoll persuni, fosthom ħafna anzjani u morda, li jitolbu kuljum għall-komunità tagħna u għall-ħidma li titwettaq fil-parroċċa. Anke lil dawn nixtieq ngħidilhom grazzi minn qalbi u nwegħidhom it-talb tiegħi.

Irrid nirringrazzja ħafna lil dawk kollha li jagħtu xi servizz fil-knisja jew fil-gruppi u l-kummissjonijiet tagħna. Grazzi wkoll lil dawk li jgħinu l-komunità tagħna billi jagħmlu xogħlijiet ta' siwi kbir is-sena kollha. Grazzi lill-benefatturi kollha. Minn qalbi nixtieq festa ta' ferħ u paċi lil kulħadd. Ġesù jbierek lilkom u l-familji tagħkom.

Żur il-website tal-Parroċċa

**www.santamarijabirkirkara.com**

Issib ħafna informazzjoni utli u importanti

SNIPPING IMAGE
BY NADINE
HAIRDRESSING SALON

- Attended School of Hairdressing and Beauty Therapy
- Fully Qualified - Obtained Diploma in Hairdressing (City and Guilds)
- Trained in London with Steinter Transocean Ltd.
- 10 Years Experience in Hairdressing
- Worked on 2 different 5-6 Star renowned Cruise Liners as a hairstylist
- Worked in 3 renowned local hairdressing salons

**Nadine Attard Bezzina** - B. Bontadini Street, Birkirkara
E-mail: nattardbezzina@yahoo.com • Mob.: 7909 3505 • Tel: 2147 2475

**On presentation of this flyer, a free intensive hair treatment is given before the service of a cut and blowdry.**

- Trendy Haircuts
- Trendy Styles
- Blowdrys
- Upstyles
- Perms
- Straightenings
- Intensive Hair Treatments
- Hair Extensions
- Highlights
- Lowlights
- Colours



# Maracana Pastizzeria

*425, Fleur-De-Lys Road, B'Kara*
*Tel. no.: 2144 7613*

Pastizzi, Pizza Mushrooms, Pizza Eggs & Sausages, Pizza Eggs & Olives, Pizza Tuna, Qassatat, Meat Pies, Chicken Pies, Tuna & Spinach Pies, Anchovy Pies, Baked Timpana, Baked Rice, Frankfurters, Wudy Cheese, Wudy Chicken.

Frozen items: pastizzi, qassatat u sausage rolls.

Għaġina friska kuljum.

Naċċettaw ordnijiet għall-parties.

# Il-Festa tal-Assunta

Minn Dun Ġorġ Schembri



Meta l-Arkanġlu Gabriel wassal lil Marija l-istedina biex taċċetta li ssir Omm l-istess Iben ta' Alla, il-kliem li wieġbet, *ikun minni skond kelmtek,* jindikaw biżżejjed id-disponibilità totali tagħha għal dak li talab minnha l-Mulej bl-inizjattiva tiegħu. Għax Hu kien li, wara l-waqgħa ta' Adam u Eva, wegħedna li ser iħejji pjan għall-fidwa tagħna biex iħabbibna mill-ġdid miegħu. Dan il-pjan svolġieh fi ħdan il-Poplu Lhudi u wasslu għall-milja tiegħu meta Ibnu Sidna Ġesù Kristu ħa l-ġisem bħal tagħna msawwar fil-ġuf safi ta' Marija Verġni bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

Fil-każ ta' Marija dan kollu twettaq mill-Mulej b'mod l-iktar sempliċi, meta ntgħażlet minn daqsxejn ta' raħal, Nażaret, li minnu qatt ma' ħareġ xejn ta' ġid u, kif tgħidilna hi stess, "minħabba ċ-ċokon tagħha, qaddejja Tiegħu". Iżda, kif jistqarr l-Arkanġlu Gabriel, ir-raġuni vera li minħabba fiha ntgħażlet hija għax kulma kien ser iseħħ kien dovut biss għal Alla u mhux għal xi merti tagħha jew tagħna l-bnedmin.

Madanakollu, minkejja x-xorti kbira li sabet, Marija tħawdet meta semgħet kliem it-tislima tal-messaġġier tal-Mulej u staqsietu x'seta' jfisser. Tajjeb li nistaqsu għaliex Marija tħawdet. Insibu li, għall-ewwel, l-istudjużi tal-Knisja jgħidulna li Marija kienet diġà għamlet il-vot tal-verġinità minħabba li, sa mit-tnissil tagħha, kienet mogħnija bil-milja tal-grazzja li għamlitha konxja biex tiddedika ħajjitha esklużivament lill-Mulej. Jiġifieri, infixlet meta Gabriel ħabbrilha li kienet intgħażlet biex tnissel u tiled iben meta hi ma kenitx lesta li tagħraf raġel. It-tweġiba tal-istess Gabriel biex ma tibżax għax dak li kien ser iseħħ fiha kien ser ikun bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, serrħilha rasha u xejnet it-taħwid u l-biża tagħha li kien ġej mis-sentimenti u mill-konvinzjonijiet reliġjużi tagħha dovuti għad-dedikazzjoni ta' ħajjitha lil Alla.

Studjużi iktar reċenti jaħsbuha differenti fis-sens li, minkejja din id-dedikazzjoni, Marija kienet diġà mgħarrsa ma' Ġużeppi. Dan kien ifisser li kienet ġa tat il-kunsens biex tieħu 'l Ġużeppi b'żewġha, għalkemm, skont it-tradizzjoni ta' żminijietha, ir-rabta ta' bejniethom kienet għadha mhux sħiħa għax iż-żwieġ tagħhom ma kienx għadu kkunsmat peress li Ġużeppi kien għadu ma ħadhiex id-dar għandu. Niftakru li kien għajb għal tfajla Lhudija li ma tiżżewwiġx u li ma tfittixx li jkollha t-tfal, għax kull tfajla kienet tittama li jkollha x-xorti li tkun magħżula mill-Mulej biex tnissel u twelled l-Messija.

Quddiem dan il-kwadru ma għandniex għax nistennew li Marija għamlet xi professjoni sollenni, biex tibqa' verġni, bħalma jagħmlu dawk li jridu jgħixu l-ħajja reliġjuża bħala patrijiet jew sorijiet. Iżda, għandna nifhmu li meta għarfet li l-Mulej Alla għażilha biex tnissel fi ħdanha lil Ġesu, fl-istess ħin, għażlet li tiddedika ħajjitha għaliH u, b'hekk, għażlet ukoll li tibqa' tgħix bla ma tagħraf raġel. Min-naħa tagħna għalkemm ma nkunux imsejħa għall-verġinità, għandna nagħrfu li jeħtieġ li nkunu ddedikati wkoll għall-Mulej billi naraw li nogħġbuh f'dak li ngħidu, naħsbu u nagħmlu.

# The Hair & Beauty Shop

89, E. B. Vella Street, Birkirkara

*Hair by Christine*

**Tel:** 21485551

**Mob:** 99825584

*Beauty & Nail Technician by Annalise*

**Mob:** 79957135

FIND OUT MORE www.bitsandbytesmalta.com

Testing & Repairs

POS Equipment

Barcode Scanners

Printers

Data Collectors

Data is treated with strictest configentiality



Computers

Laptops & Notebooks

Monitors

Virus & Spyware removal

Data Recovery & Backup

Software & OS Installations

## bits & bytes

JOIN US ON FACEBOOK

misraħ san alwiġi, birkirkara

email: info@bitsandbytesmalta.com tel: 21483397

# Sena ta' Anniversarji

Minn Dun Ġużepp Brincat



Il-ħajja tagħna l-bnedmin hi mimlija b'tifkiriet ta' ġrajjiet importanti li ma tantx tinsiehom malajr. Dawn it-tifkiriet ikunu kemm ta' natura personali kif ukoll li jolqtu lil ħafna persuni oħra. Għalhekk aħna mdorrijin li ta' kull tant infakkru xi data jew xi okkażjoni partikulari.

Qegħdin qrib il-Festa Titulari tal-parroċċa tagħna – it-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. U propju din is-sena l-parroċċa tagħna fakkret l-10 Anniversarju mit-twaqqif tagħha permezz tad-Diġriet tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca bid-data tat-8 ta' Mejju 2005. Għalhekk din hija data tassew importanti. Tajjeb jingħad li ferm qabel fiż-żmien meta f'Malta l-parroċċi kienu ftit Birkirkara kienet waħda minnhom. Il-Knisja parrokkjali kienet iddedikata lil Santa Marija (binja qabel din tal-lum). Madwar l-1700 il-popolazzjoni ta' Birkirkara kibret u nħass il-bżonn li tinbena knisja akbar u fil-qalba tar-raħal – il-Knisja ddedikata lil Sant Elena – li allura saret il-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.

Wara dan il-Knisja ta' Santa Maria ġiet traskurata u sofriet ħafna ħsarat. Fis-snin sittin il-Kapitlu tal-Kolleġġjata li kien għadu responsabbli minn din il-Knisja ddeċieda li jirrestawraha. Sadattant madwar il-Knisja tela ħafna bini u l-popolazzjoni żdiedet. Bil-mod il-mod reġgħu bdew is-servizzi fil-Knisja u dan wassal biex b'digriet tal-Kurja maħruġ f'Marzu 1992, iż-żona tal-Knisja l-Qadima ġiet dikjarata bħala Żona Pastorali Awtonoma – kien il-pass li fetaħ it-triq għat-twaqqif tal-parroċċa għaxar snin ilu.

Fil-limiti tal-Parroċċa tagħna hemm istituzzjoni important ħafna – id-Dar tal-Kleru. Din id-Dar twaqqfet fl-1964 bl-inizjattiva ta' Mons. Dun Salv Grima. L-iskop kien li fiha jinżammu l-irtiri spiritwali għall-kleru u tilqa' wkoll saċerdoti anzjani u morda. Biż-żmien in-numru tas-saċerdoti, kemm djoċesani u kemm reliġjużi, li fittxew il-kenn ta' din id-Dar tant kiber li mill-1995 ma setgħux jibqgħu jinżammu l-irtiri tas-saċerdoti. Bħalissa f'din id-Dar hemm jgħixu 45 saċerdot. Ma' din id-Dar hemm ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu li wkoll twaqqfet fl-istess sena minn Mons. Dun Salv Grima. Dawn huma xebbiet li ddedikaw ħajjithom biex jitolbu għall-qdusija tal-kleru u li b'dedikazzjoni u ġenerożità kbira jagħtu servizz imprezzabbli ta' għajnuna u assistenza lis-saċerdoti, speċjalment dawk residenti f'din id-Dar. Matul dawn il-51 sena temmew ħajjithom f'din id-Dar mal-250 saċerdot.

Anniversarju importanti ħafna għalija huwa l-50 anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi. L-ordinazzjoni tiegħi u ta' 21 żagħżugħ ieħor fosthom ħija Patri Albert tmexxiet mill-Arċisqof Mikiel Gonżi fit-3 t'April 1965. Ir-rabta tiegħi mal-Knisja l-Qadima bdiet meta fi tfuliti kont niġi ma' tfal oħra ngħin il-Quddiesa. Wara l-ordinazzjoni wieħed mill-impenji li kelli kien il-Quddiesa ta' kuljum f'din il-Knisja. Wara li r-restawr tal-Knisja tlesta u reġgħet infetħet għall-kult komplejt nagħti s-servizz tiegħi f'din il-Knisja. Il-ħidma ta' kull saċerdot titlob ħafna impenn u dedikazzjoni. Dan hu possibbli għall-għajnuna kontinwa ta' Alla li bil-grazzja tiegħu jsejjaħ u jkompli jsaħħaħ il-ħidma tas-saċerdot. Jien nagħraf dan u għalhekk inroddlU ħajr ta' dak kollu li għamel miegħi. Fl-istess ħin niftakar ukoll fl-għajnuna u l-inkoraġġiment li kelli mill-ġenituri, familjari u ħbieb u speċjalment saċerdoti oħra li kienu ta' eżempju għalija.

# La Tienda Grocery

For groceries, detergents,
toiletries and much more

*Under new management*

Dun Xand Cortis Street, Birkirkara

**Mob: 77402496**

Mon – Sat:
5.30a.m. – 1.30p.m.

Mon, Tues, Thurs & Fri:
4.00p.m. – 7.00p.m.



# J.G. IRONMONGERY

PSAILA STREET
BIRKIRKARA

TEL: 21484198

TOOLS, ELECTRICAL & PLUMBING
FITTINGS, CONSTRUCTION MATERIAL,
PAINT & COLOUR MIXING



# Il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena imniedi mill-Papa Franġisku

Minn Joe Farrugia

Fit-13 ta' Marzu li għadda f'omelija li għamel waqt ċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, il-Papa Franġisku ħabbar Ġublew Straordinarju ta' Ħniena. Din ser tkun sena speċjali li tiftaħ fit-8 ta' Diċembru ta' din is-sena, li minbarra li tkun il-festa tal-Immakulata, dakinhar jaħbat ukoll il-50 anniversarju mill-għeluq tal-Koncilju Ekumeniku Vatikan II. Il-Ġublew jagħlaq fl-20 ta' Novembru 2016, Festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu.

Kif imfisser fid-dokument *Misericordiae Vultus*, ippubblikat fil-11 t'April, Ġesu huwa wiċċ il-ħniena ta' Alla l-Missier u l-misteru tal-fidi nisranija jsib fil-kelma "ħniena" l-ġabra sħiħa tiegħu. Il-Papa ried li l-motto għal din is-sena ta' grazzja speċjali jkun "Ħanina bħall-Missier". Il-kliem "Ħanina bħall-Missier" iwassalna għall-għan aħħari ta' dan il-Ġublew: wara li aħna nkunu lqajna l-ħniena tal-Missier, imbagħad inkunu lesti li ngħadduha lill-oħrajn.




Il-logo ta' dan il-Ġublew juri l-figura ta' Ġesù, li bħala r-Ragħaj it-Tajjeb, qed iġorr fuq spallejh lill-bniedem mitluf, raffigurat fil-persuna ta' Adam. Ta' min jinnota kif l-għajn ix-xellugija ta' Adam hija mwaħħda fl-għajn il-leminija ta' Ġesù. Dan jurina li bil-ħniena ta' Alla, Ġesù u l-bniedem għandhom l-istess viżjoni.

Minbarra li jħabbar u jagħti tagħrif dwar il-Ġublew tal-Ħniena, id-dokument *Misericordiae Vultus* jagħtina wkoll ġabra ta' tagħlim dwar il-ħniena. Sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu, il-Papa Franġisku wera li din it-tema kienet ser tkun fiċ-ċentru tal-ministeru tiegħu bħala mexxej tal-Knisja Universali. Fil-prietki u fid-diskorsi tiegħu huwa kontinwament jisħaq fuq il-ħniena infinita ta' Alla. Alla ma jegħja qatt jaħfrilna u għalhekk aħna ma għandna qatt naqtgħu qalbna mill-maħfra tiegħu. Mill-banda l-oħra, konsegwenza ċara ta' dan it-tagħlim hija li aħna rridu nkunu egħjun li permezz tagħhom titwassal il-ħniena ta' Alla lill-bnedmin kollha.

Il-ħniena ta' Alla hija universali u l-Ġublew tal-Ħniena jrid imiss kull qasam tal-Knisja, irid jolqot il-qalb ta' kull min huwa mgħammed. Imma m'għandux jieqaf biss fuqna l-insara, iżda jrid ikun miftuħ għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-Ħniena ta' Alla hija għall-bnedmin kollha.

dcut

by ILLONA

...more than a hairstyle




Norelle
Nail Technician
Mob: 79483417

85, K. Galea Street,
B'Kara L/o Mrieħel
Tel: 2144 2924





# Talba tal-Papa Franġisku għal din l-art tagħna fi tmiem l-Ittra Enċiklika *Laudato Si'*

Mulej l-aktar għoli, li tinsab fl-univers kollu
u fl-iċken waħda mill-ħlejjaq tiegħek,
Int li ddawwar bi ħlewwietek kulma jeżisti,
sawwab fuqna l-qawwa ta' mħabbtek
biex nistgħu nieħdu ħsieb tal-ħajja u tal-ġmiel.
Kattar fina l-paċi, biex ngħixu bħal aħwa
bla ma nweġġgħu lil ħadd.

Missier il-foqra, għinna nifdu lill-imwarrbin
u l-minsijin ta' din l-art li jiswew tant f'għajnejk.
Fejqilna ħajjitna, biex inħarsu d-dinja u mhux inħarbtuha,
biex niżirgħu l-ġmiel u mhux it-tinġis u l-qerda.
Miss il-qlub ta' dawk li jfittxu biss kif sa jgawdu huma
minn fuq dahar il-foqra u l-art.
Għallimna niskopru l-valur ta' kull ħaġa,
nikkontemplaw b'għaġeb,
nagħrfu li aħna tabilħaqq magħqudin mal-ħlejjaq kollha
fil-mixja tagħna lejn id-dawl tiegħek bla tarf.
Irroddulek ħajr li ta' kuljum tinsab magħna.
Weżinna, nitolbuk, aħna u nitqabdu
għall-ġustizzja, l-imħabba u l-paċi.

97

Pets & Plants

97, B. Bontadini Street, B'Kara

**Tel: 79062239**

For all your gardening needs, plants,
pet food and pet accessories

Opening hours:
Mon – Fri: 7.30 – 12.00; 15.30 – 18.45
Sat: 7.30 – 12.00



# THREE EIGHT NINE
Ltd.

## Roofing & Sports
Systems





Waterproofing, Insulation & Concrete screed.
Synthetic turf & Rubber flooring for sports.
Synthetic turf for domestic houses.
Metal joint Profiles.

**www.389.com.mt** **21445152**
**info@389.com.mt** **79461919**

# L-Għaxar Anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa

## *8 ta' Mejju 2005 – 8 ta' Mejju 2015*

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla mmexxija minn
Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna nhar il-5 ta' Mejju 2015
















# Programm
# Festa Santa Marija 2015

### It-Tlieta 11 t'Awwissu – L-Ewwel Jum tat-Tridu – Marija Sultana tal-Familja – Jum il-Familja

5.30p.m. Rużarju mmeditat quddiem Ġesù Ewkaristija mmexxi mill-membri tal-Kummissjoni Parrokkjali Familja.

6.00p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mmexxija mir-Rev. Dun Nicholas Doublet. Għall-Quddiesa jattendu l-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali taż-żwieġ tagħhom.

### L-Erbgħa 12 t'Awwissu – It-Tieni Jum tat-Tridu – Marija Omm il-Knisja – Jum il-Komunità Nisranija

5.30p.m. Rużarju mmeditat quddiem Ġesù Ewkaristija mmexxi minn membri tal-gruppi u l-għaqdiet parrokkjali.

6.00p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mmexxija mir-Rev. Dun Ġorġ Schembri. Għall-Quddiesa jattendu l-membri kollha tal-kummissjonijiet, gruppi u għaqdiet tal-parroċċa.

### Il-Ħamis 13 t'Awwissu – It-Tielet Jum tat-Tridu – Marija Saħħa tal-Morda – Jum l-Anzjani u l-Morda

5.30p.m. Rużarju mmeditat quddiem Ġesù Ewkaristija mmexxi mill-membri tal-Kummissjoni Parrokkjali Djakonija.

6.00p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mmexxija mir-Rev. Dun Ġużepp Brincat. Fil-Quddiesa jkun amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

### Il-Ġimgħa 14 t'Awwissu – Lejlet il-Festa – Marija Sultana tas-Sema u l-Art

5.30p.m. Rużarju mmeditat quddiem Ġesù Ewkaristija mmexxi mill-membri tal-Kummissjoni Parrokkjali Liturġija.

6.00p.m. Quddiesa bil-kant u bl-omelija mmexxija mir-Rev. Patri Walter Vassallo OFM. Il-Quddiesa tibda bit-trasport tar-Relikwa mill-artal tagħha għal fuq l-artal prinċipali. Waqt il-Quddiesa nitolbu flimkien it-Talba ta' Filgħaxija (l-Għasar).

## Offerta għall-Parroċċa

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija qed nistednukom tagħmlu offerta lill-parroċċa. Poġġu l-offerta tagħkom fl-*envelope* li qed jitqassam ma' dan il-fuljett u ġibu l-*envelope* l-knisja jew l-uffiċċju parrokkjali.

Bl-għajnuna tagħkom inkunu nistgħu nkomplu bil-ħidma pastorali tagħna mat-tfal, żgħażagħ, familji, anzjani u persuni f'diffikultà. L-offerta tagħkom tgħinna nżommu ndaf u akkoljenti l-knisja, l-uffiċċju tal-parroċċa u ċ-ċentru parrokkjali. Bl-għajnuna tagħkom inkunu nistgħu nkomplu diversi xogħlijiet importanti fil-knisja.

Grazzi ħafna tal-offerta tagħkom.

### Is-Sibt 15 t'Awwissu – Jum il-Festa tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema, Patruna tal-Komunità Parrokkjali Tagħna

| | |
|---|---|
| 7.00a.m. | Quddiesa bil-kant u bl-omelija mir-Rev. Dun Ġużepp Brincat. |
| 8.30a.m. | Quddiesa bil-kant u bl-omelija mir-Rev. Dun Ġorġ Schembri. |
| 10.00a.m. | Quddiesa bl-omelija mmexxija mir-Rev. Kappillan Dun Lino Azzopardi. Il-Quddiesa tkun animata mill-gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. |
| 5.30p.m. | Rużarju mmeditat quddiem Ġesù Ewkaristija mmexxi mill-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| 6.00p.m. | Quddiesa Solenni Kkonċelebrata bit-Talba ta' Filgħaxija mmexxija mir-Rev. Kappillan Dun Lino Azzopardi. Jagħmel l-omelija tal-okkażjoni r-Rev. Dun Roy Galdes. Wara l-Quddiesa kulħadd huwa mistieden għal bibita fil-bitħa tal-knisja. |



## Parroċċa Santa Marija - Birkirkara

**Ħinijiet tal-Quddies**
Mit-Tnejn sas-Sibt: 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
Il-Ħadd: 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

**Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:**
It-Tnejn u l-Erbgħa: 4.30p.m. – 5.30p.m.
Is-Sibt: 9.30a.m. – 11.00a.m.
Tel: 21448026 / 27448026
E-mail: parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org
Website: www.santamarijabirkirkara.com

# L-Għaxar Anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa

## *8 ta' Mejju 2005 – 8 ta' Mejju 2015*

Quddiesa tal-Anniversarju mmexxija
mill-Kappillan Dun Lino Azzopardi nhar it-8 ta' Mejju 2015














!Solid
PAOLA SQUARE
www.solidmen.com
www.sonnybono.it



# Festa Santa Marija 2014
# Rendikont Finanzjarju

| | |
|---|---|
| **Ħruġ:** | |
| Stampar tal-fuljett tal-festa | €898 |
| Servizz ta' saċerdoti | €130 |
| Catering | €259 |
| Fjuri | €123 |
| **Total Ħruġ** | **€1410** |
| **Dħul:** | |
| Donazzjonijiet fl-envelopes | €700 |
| Reklami fil-fuljett tal-festa | €850 |
| **Total Dħul** | **€1550** |
| **Bilanċ** | **€140** |

MARIO'S
FRUIT AND VEGETABLES
21, K. Galea Street, B'Kara


JDS
GROCERY & CONFECTIONERY
FRESH BREAD
MILK
DETERGENTS
GROCERIES
CONFECTIONERY
BEVERAGES
SPIRITS
ICE CREAM
POULTRY PRODUCTS
HOURS
MON - FRI 6.00am - 7.00pm
SAT 6.00am - 4.00pm
SUNDAY 6.00am - 12.00pm
PEPSI
JDS
GROCERY & CONFECTIONERY
Opening hours Monday to Saturday from 6:00 till 20:00
Sundays & Public Holidays from 6:00 till 13:00
Tel:21493833 mob: 99603333

# Lil Santa Marija

Minn Alexander Cordina



O Marija mtellgħa s-sema
O kbir ward mill-aktar fin,
Jixraq nitlob dejjem lilek
Biex infaħħrek jien f'kull ħin.

Quddiem din ix-xbieha sbejħa
Nikkontempla dan il-ġmiel:
Int Santa Marija msejħa:
Ta' qdusitU tagħti ħjiel.

Kollok dija, kollok setgħa,
O Marija, Omm il-bnedmin;
Tal-imħabba inti mera
Għax reġina int tat-tajbin.

Int minn dejjem kont magħżula
Biex lil Alla ġieh tagħtih;
Tal-Feddej l-Omm insellmulha
Għax lill-midneb le tħallih.

Insellimlek, o Marija,
Omm ta' Kristu, il-Feddej,
Għax jixraqlek kull foħrija
Minn kull serv u kull mexxej.

Ibqa' mela, dejjem magħna
Ħalli dejjem inqimuk;
Sabiex tkompli tindukrana
Imbagħad niġu ingawduk.

O Reġina, o Marija,
F'dan il-jum l-aktar sabiħ
Kemm nixtieq li tkattar fija
Fidi kbira biex naqdiH.

Dik is-safa ta' xbubitek
Tatek saltna l-aktar sbejħa
Li minn dejjem inti kellek
Ġewwa Malta, minnek imsejħa.



*IVAN'S CHAUFFEUR DRIVEN*
*& 24 HR V.I.P. SERVICE*
*20 Years' Experience in Conferences, Protocol Delegations & Tourism*

Website: allmaltaonline.com
Email: Ivanmamo1962@gmail.com

*Airport Transfers, Weddings, Full & Half Day Tours, Funerals*

*For More Info Contact Us On:*
*Mobile: (00356) 99429589, 77021956*
*Tel / Fax: (00356) 27010157*






**Zampolini**
**Footwear**

***For Smart & Casual Footwear***
***Specializing in Ladies shoes with matching bags***

**194, Valley Road, B'Kara.**
**Tel: 21 495 953**

# Minn xiex għaddejna

Minn Sandro Sciberras

Minn xiex għaddejna… biex din is-sena qed niċċelebraw l-10 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa tagħna. Biex waslet għal dan l-anniversarju, kemm il-knisja nnifisha kif ukoll l-inħawi tal-idwar għaddew minn sensiela ta' ġrajjiet li flimkien fasslu l-istorja mqallba tagħhom.

Mhux magħruf eżatt meta bdiet tinbena din il-knisja, minkejja li xi kotba jsemmu l-1607 bħala s-sena meta beda x-xogħol. Huwa maħsub li l-pjanta tal-knisja ġiet iddisinjata minn Vittorio Cassar, iben il-famuż Ġerolamo, li kien l-aktar arkitett importanti għall-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'dawn is-snin. Meta Vittorio Cassar miet fl-1607, ix-xogħol fuq il-knisja tkompla taħt Tommaso Dingli. L-ikbar benefattur ta' din il-knisja kien Dun Filippu Borg, li twieled f'Birkirkara fl-1567. Waqt li kien għadu sejjer il-bini tal-knisja, Dun Filippu rnexxielu jakkwista l-permess mingħand il-Papa Urbanu VIII biex titwaqqaf l-ewwel kolleġġjata tal-Gżejjer Maltin. Dan il-permess wasal bil-Bolla *Sacri Apostolatus Ministerio* fil-5 ta' Diċembru 1630. Mir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Alpheran tal-1736, jidher li l-knisja damet aktar minn ħamsin sena biex inbniet, jekk nassumu li l-bini beda qrib is-sena 1615.

Iċ-ċerimonji baqgħu jsiru f'din il-knisja b'mod normali, sakemm in-nies ta' Birkirkara ddeċidew li jibnu knisja oħra, li tkun ikbar u f'parti iktar ċentrali tar-raħal tagħhom. F'Ottubru tal-1727, l-Isqof Gaspare Gori Mancini qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida ta' Sant'Elena. Meta l-Kapitlu ddeċieda li jitlaq mill-knisja u jmur fil-knisja ta' Sant'Elena, ġarrew dak kollu li setgħu mill-knisja u għalquha. Matul is-seklu 18, insibu numru ta' visti pastorali mill-Isqfijiet ta' dak iż-żmien li fihom hemm deskrizzjonijiet tal-knisja. Wara żaru l-knisja l-Isqof Rull fl-1758, u tliet darbiet l-Isqof Labini fl-1781, fl-1783 u fl-1787.[1] F'din l-aħħar żjara, l-Isqof Labini ra li s-saqaf kien diġà fil-periklu li jisfronda. Bierek l-oqbra tal-mejtin u ordna li jkunu mbarrati l-bibien biex ħadd ma jidħol fiha.[2] B'kollox il-knisja damet ħajja madwar 120 sena biss.

Bejn l-1798 u l-1800, f'"Malta kien hawn il-ħakma Franċiża u speċjalment matul l-Imblokk, il-Karkariżi kienu jużaw il-ħitan tal-ġenb tal-knisja biex jipprattikaw l-isparar bl-ixkubetti. Xhieda ta' dan huma l-ħofor tal-balal li għadhom jidhru sal-lum.

Ma nafu kważi xejn dwar il-knisja fis-seklu 19, imma tajjeb li nsemmu personaġġ storiku magħruf Malti li ndifen fil-knisja tagħna matul dan is-seklu. Ir-rabta ta' Dun Gaetano Mannarino, magħruf fl-istorja għall-Konġura tal-Qassisin tal-1775, mal-knisja tagħna hija waħda każwali. Fl-aħħar ta' ħajtu, hu ħalla miktub fit-testment tiegħu li meta jmut irid jindifen "f'rokna moħbija" fil-knisja tal-post fejn ikun joqgħod. Huwa miet fis-7 ta' April 1814, u dak iż-żmien inzerta li kien joqgħod San Ġiljan. Minħabba li San Ġiljan kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, u hu ried jindifen "f'rokna moħbija", ħasbu li jidfnuh fil-knisja ta' Santa Marija, li kienet diġà abbandunata u b'hekk qablet eżatt mat-talba ta' Dun Mannarino.[3]

Matul il-pesta l-kbira li ħakmet il-Gżejjer Maltin fl-1813, il-knisja ntużat ukoll biex fiha u madwarha jindifnu l-mejtin. Xi wħud mill-oqbra tal-knisja li fihom kienu ndifnu l-mejtin tal-pesta ngħalqu b'ħadida fuqhom biex jintgħarfu, b'ordni li ma jinfetħux qabel mitt sena. F'dik l-imxija tal-pesta kienu mietu 281 Karkariż.[4]

L-agħar parti tal-istorja tal-knisja tagħna seħħet meta waqgħet il-koppla u faqgħet is-saqaf tal-knisja. Li hu żgur, u dokumentat, huwa li sa madwar l-1850, il-koppla kienet għadha f'postha, imma partijiet mis-saqaf kienu ġa waqgħu sa mill-1830.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja kienet tintuża biex fiha jinżammu l-lezzjonijiet tal-iskola tal-Gvern, speċjalment fis-sagristija u f'partijiet oħra tal-knisja msaqqfa bi pjanċi tal-metall.[5]

Fl-1910 kien twaqqaf kumitat tar-restawr,[6] iżda kien l-Arċisqof Gonzi li żar il-knisja lejn l-aħħar tas-snin sittin, u li ddeċieda li kien wasal iż-żmien li din il-knisja terġa' tiġi rranġata kif tassew jixraq.[7] Ftit wara, kienu twaqqfu żewġ kumitati, wieħed mill-Kapitlu ta' Sant'Elena u ieħor mill-Kurja biex jieħdu ħsieb ir-restawr. Ix-xogħol beda uffiċjalment fis-7 ta' Ottubru 1969, taħt Abraham Schembri. Wara li ngħalqu l-oqbra biex l-art tkun iktar soda, seta' jibda x-xogħol. Meta tlesta s-saqaf beda x-xogħol fuq ħajt proviżorju fit-13 ta' Marzu 1972, liema ħajt kellu jagħlaq il-korsija mill-kumplament tal-knisja biex il-korsija setgħet tintuża mill-komunità għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Il-knisja nfetħet uffiċjalment nhar is-Sibt, 13 ta' Mejju 1972, b'quddiesa minn Mons Mikiel Gonzi. Iżda x-xogħol waqaf fl-1978 u dam wieqaf għal numru

ta' snin minħabba nuqqas ta' ftehim fuq kif kellhom isiru t-twieqi tal-koppla, u wkoll minħabba inċident li kellu Abraham Schembri. Ir-Rettur ta' dak iż-żmien kien Dun Pawl Camilleri li dam iservi f'din il-knsija bejn 1986 u l-1992.

Fis-sajf tal-1992, beda jitwaqqa' l-ħajt proviżorju li kien inbena 20 sena qabel. F'din l-istess sena, Mons Arċisqof kien ħass il-bżonn pastorali li din iż-żona tkun awtonoma, jiġifieri indipendenti mill-parroċċa ta' Sant' Elena. Dan ġie kkonfermat b'digriet ta' Mons Arċisqof innifsu fil-25 ta' Marzu 1992 u kien mument importanti ħafna fl-istorja ta' din il-parroċċa. F'dan iż-żmien ir-Rettur kien Dun Faustin Ellul li dam Rettur mill-1992 sal-1998.

Bejn l-1998 u 2002 serva bħala Rettur Dun Ġwann Sammut. Bejn l-2002 u l-2006, ir-Rettur kien Dun Emmanuel Camilleri li sar ukoll l-ewwel Kappillan ta' din il-parroċċa fiż-żmien modern meta nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2005 f'din il-komunità reġgħet twaqqfet il-parroċċa.

Il-komunità parrokkjali kompliet tikber u bdew jinbtu realtajiet ġodda, li l-Kappillan preżenti, Dun Lino Azzopardi, dejjem mexxa u ħa ħsieb b'għaqal u dedikazzjoni kbira, bħall-Kappillani u r-Retturi kollha ta' qablu. Kollha kellhom il-kariżmi tagħhom u kien b'dawn id-doni li Alla ħadem bihom għall-ġid tal-parruċċani kollha. Kollha wkoll kellhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet u sfidi differenti iżda dawn ukoll huma parti mill-istorja tal-parroċċa. Kien grazzi għalihom u ta' tant benefatturi, voluntiera u nies ta' rieda tajba li dan kollu seta' jsir. Jalla fis-snin li ġejjin din il-komunità tkompli tissaħħaħ biex verament jintlaħaq l-iskop ta' x'inhi verament parroċċa.

**Referenzi**

[1] *Knisja Kolleġġjata Santa Elena Imperatriċi Awgusta*, Kummissjoni Programm tal-Festa, 2000, p. 129
[2] Vella, E.B., op. cit., p. 267
[3] Noti minn taħdita mill-Prof. Mons. V. Borg fil-Kunsill Lokali B'Kara nhar il-11 ta' Marzu 2005
[4] Zammit, W.L., op. cit., p. 23
[5] Noti minn taħdita mill-Prof. Mons. V. Borg fil-Kunsill Lokali B'Kara nhar il-11 ta' Marzu 2005
[6] Gazzetta *Is-Salib*, 3 ta' Diċembru 1910
[7] Mallia Borg, A., *Il-Kapitlu Elenjan u l-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija* in *Imsiebaħ*, 1992, p. 33



# Ftit Ħsibijiet fl-Okkażjoni tal-10 Anniversarju tal-Parroċċa

Minn Andrea Pace



L-anniversarji dejjem iwassluk sabiex tagħmel riflessjoni dwar memorji sbieħ li tkun għaddejt minnhom. Fl-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna ħsibijieti jmorru lejn l-affarijiet sbieħ li għaddejt minnhom tul dawn is-snin involut fil-ħajja tal-komunità parrokkjali tagħna. Fl-istess ħin dawn l-anniversarji huma okkażjoni propizja sabiex ilkoll kemm aħna nġeddu l-impenn tagħna lejn il-komunità.

Il-ħajja tal-komunità parrokkjali, minsuġa ma' dik familjari, kienet l-ewwel skola ta' evanġelizzazzjoni. It-tagħlim tal-katekiżmu kien fost l-ewwel opportunitajiet li kellna fejn aħna stajna niltaqgħu mal-persuna ta' Ġesù. Waħda mill-isbaħ esperjenzi li personalment kelli fil-parroċċa kienet li nservi bħala abbati għal 8 snin. Permezz ta' din l-esperjenza ħassejtni parti integrali tal-komunità parrokkjali. Il-grupp taż-żgħażagħ taċ-ċentru parrokkjali għenni nimxi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, fil-bini ta' ħbiberiji sodi, f' li nesprimi lili nnifsi u fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet varji f'atmosfera ta' tim. Dawn l-esperjenzi kabbru lili u lil ħafna oħrajn kemm fuq livell spiritwali kif ukoll fuq wieħed uman. Dawn l-esperjenzi li sawru t-tfulija, l-adolexxenza u ż-żgħożija tiegħi u ta' ħafna nies tal-età tiegħi, kienu possibbli biss għad-dedikazzjoni ta' diversi saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati li ddedikaw il-ħin tagħhom għalina.

Illum il-ġurnata, il-ħidma mat-tfal u l-adolexxenti fil-parroċċa għadha għaddejja. Tul dawn l-aħħar snin, il-katekiżmu qed isir minn grupp imħallat ta' lajċi u reliġjużi kordinat fuq livell parrokkjali. Dan ifisser li s-sens ta' *ownership* għal katekiżmu żdied, speċjalment minħabba l-involviment dirett ta' numru ta' katekisti lajċi. Iċ-ċentru hu ffrekwentat ukoll min numru ta' adolexxenti li jiltaqgħu għal-laqgħat regolari matul is-sena skolastika.

Jekk irridu nkomplu nimxu 'l quddiem bħala parroċċa ma rridux nibżgħu nirriformaw ruħna u nadattaw rwieħna l-ħin kollu. Il-kliem tal-Papa Franġisku huma sfida għal kull membru tal-komunità parrokkjali li jsejħilna sabiex "nirrikonoxxu li s-sejħa għar-reviżjoni u għat-tiġdid tal-parroċċi għadha ma tatx biżżejjed frott biex dawn ikunu eqreb lejn in-nies, u jkunu mkejjen ta' komunjoni ħajja u ta' parteċipazzjoni, u jorjentaw ruħhom għalkollox lejn il-missjoni"[1]. Dan il-kliem ma għandux jaqtgħalna qalbna anzi għandu jkun ta' impetu sabiex inpoġġu lil Kristu fiċ-ċentru tal-ħidmiet u s-sejħat tagħna u nimxu 'l quddiem fl-isfidi li hemm fil-preżent u fil-ġejjieni.

**Referenza**

[1] Papa Franġisku (2013) *Evangelii Gaudium* (Il-Ferħ tal-Vanġelu), 28


⌘ Falzon's Bathrooms & Ceramics
...a tradition of quality and service.
www.falzons.com
A: Psaila Street, Santa Venera | T: 21 482 860 / 21 485 536

# Għallem lil min ma jafx

Minn George Scicluna



Meta naħseb dwar l-esperjenza tiegħi bħala katekist fil-parroċċa tagħna, mill-ewwel immur biex nirringrazzja lil Alla li għoġbu jagħżilni biex inwassal lit-tfal l-aħbar it-tajba tal-Evanġelju.

Fil-ħidma tiegħi bħala katekist tat-tfal, jagħtuni ħafna kuraġġ żewġ ħsibijiet mill-Kelma ta' Alla. L-ewwel, dak li hemm miktub fit-Testment l-Antik: kemm huma sbieħ ir-riġlejn ta' dawk li jħabbru l-ġid! It-tieni, fl-Evanġelju Ġesù qalilna li min jgħallem il-preċetti li tana Hu jissejjaħ kbir fis-Saltna tas-Smewwiet.

Għandi esperjenzi posittivi u oħrajn negattivi. Nibda minn dawk negattivi. Ħaġa li tħassibni u tinkwetani ħafna hija n-nuqqas ta' interess minn ċerti ġenituri. Xi ġenituri jagħtu ħafna iżjed importanza lill-attivitajiet oħra milli lill-katekiżmu ta' wliedhom. Ħaġa oħra li tinkwetani ħafna hija dik li xi tfal meta jmorru lura d-dar wara l-katekiżmu jsibu esperjenzi li huma l-oppost ta' dak li nkunu għallimniehom fil-klassijiet tal-katekiżmu. Xi kultant, fil-familji, it-tfal qed isibu ideat u diskors li jmur kontra t-tagħlim li qed jirċievu fil-katekiżmu.

Issa nitkellem dwar dak li hu posittiv. Nibda mill-apprezzament ta' ħafna ġenituri. Anke t-tfal japprezzaw dak li tagħmel magħhom u għalihom. Xi tfal jibqgħu japprezzaw il-katekisti anke meta jispiċċaw mill-katekiżmu. Ħafna tfal għandhom għatx għat-tagħlim dwar Ġesù u l-kelma tiegħu. Fuq nota personali, permezz tal-katekiżmu, jien kelli l-opportunità nagħmel diversi korsijiet biex naġġorna lili nnifsi u nitgħallem affarijiet ġodda u metodi ġodda.

Nixtieq nagħmel appell lil kull min iħoss li Alla żejnu bid-don tal-Kelma u tat-tagħlim biex jagħmel kuraġġ u jagħti sehmu fil-parroċċa tagħna bħala katekist. M'għandniex inħallu t-talenti li Alla jagħtina jinħlew fix-xejn. Iż-żmien qasir u malajr jgħaddi, u t-talenti li bihom żejjinna Alla għandna nużawhom biex nagħmlu l-ġid. Dun Ġorġ Preca kien jgħid lis-soċji tal-MUSEUM: "Qegħdin naħdmu ma' Sinjur kbir". Din hi l-aqwa opra ta' karità li tmiss ir-ruħ li nistgħu nagħmlu: għallem lil min ma jafx. Mela nagħmlu kuraġġ ilkoll kemm aħna u naħdmu għas-saltna u l-glorja ta' Alla li tibda minn fuq din l-art.


LIGHT
DESIGN
solutions
A | 38/1, Emmanuel Schembri Str, Birkirkara, BKR 1810
T | 2149 6843
E | info@lds.com.mt
W | www.lds.com.mt

# Antonio's BARBERSHOP

MALTA — UK — MALTA




**NEW SHOP OPENING SOON**

**Follow us on FACEBOOK for more details**

## The Bluebeards Revenge luxury grooming products for men now in Malta

The Bluebeards Revenge range of quality shaving and skincare products, aimed at the problem shaver, is now available in Malta.
The flagship product in the range is a paraben free, British barbershop quality shaving cream with added ingredients like Decelerine™ to specifically reduce beard growth and combat tough stubble. It has been formulated to our unique specification in one of the UK's premier male cosmetics laboratories, renowned experts in the field of shaving cream. Decelerine™ can also be found in the brand's brushless shaving solution and post shave balm.
The brand's beard reducing shaving cream (100ml) beat off fierce competition from the likes of Bulldog Male Grooming and Murdock of London to win the award for Best Grooming Product of 2013.

The Bluebeards Revenge products are brought to you by
**Antonio's Barber Shop 91, B. Bontadini Street, B'Kara,**
**Tel: 99374443 ◆ www.antoniosbarber.com**




J.LAUTIER
CO.LTD.
We Specialise In
Apertures, Fire Doors, Fire Resistant Curtains, Aluminium Railings, Fire Escape Staircases, Curtain Wall Facade, Spiral Staircases, Skylights, Canopies, Folding Doors, Double Glazing, Glass Railings, Insect Screens, Revolving Doors, Automated Doors & Much More
AWARDED
Superbrands
2012 - 2013
Malta's Choice
sales@jlautier.com

# SANT HARDWARE STORE

Key Cutting Services • Electrical Fittings • Water Fittings
Building Materials • Paint • Power / Hand Tools

Triq B.Bontadini, B'Kara
27337704 77137704
info@santhardwarestore.com
https://www.facebook.com/santhardwarestore

Sole Agents for **REISSER**®
Woodscrews:-Consistent Quality

